MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 99/1989/1

**Maggur Edward Michael Borg**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u Prim Ministru
in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' l-24 ta' Jannar, 2000 fl-ismijiet premessi, liema sentenza qed tigi hawn taht riprodotta fl-intier taghha, u li taqra hekk:

“Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-2 ta’ Frar 1989 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa gie mharrek mill-Puluzija talli bhala importatur/negozjant fl-armi tan-nar f'hanut li qieghed 44, Triq San Bastjan, Qormi, meta kellu fil-pussess tieghu kwantita ta' armi tan-nar (snieter) tal-marka "Beretta", irrifjuta li jbiegh lil certu Carmelo Falzon (bejjiegh bl-imnut), l-istess armi tan-nar minghajr raguni xierqa a tenur tal-artikolu 9(2)Legal notice 21/72 mahrug taht l-Att IV tal-1947;

Illi l-attur irrisponda illi ordni ta' bejgh ta' armi tan-nar u snieter mhix 'commodity ordinarily sold' lill-pubbliku kif intiz fl-istess att u illi tali talba li tikkostringieh jbiegh lil wiehed mhux buona fede xerrej, hi anti- kostituzzjonali u illegali.

Illi r-regolament 9(2) jikkontrolla l-bejgh u xiri ta' per ezempju tqieq, corned beef, halib tal-bott u makarel izda mhux armi tan-nar u snieter kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; liema regolament m'ghandux imur oltre u jgieghel lil persuna tmur kontra l-interessi tan-negozju taghha minghajr interess pubbliku;

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi ordni ta' bejgh ta' snieter ma taqax taht ir-regolament 9(2) tal-LN 21/72 mahruga in forza tal-IV tal-1947: Att Dwar il-Provvisti u Servizzi billi il-generu in kwistjoni mhux 'commodity ordinarily sold" lill-pubbliku u ghalhekk illegali u kontra il-ligi;

2. Tiddeciedi illi ordni simili hi ukoll nulla u anti-kostituzzjonali billi tikkostringi lill-attur jagixxi kontra l-interessi tan-negozju tieghu minghajr llum raguni ta' interess pubbliku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 1988 kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ingunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi preliminarjament in kwantu t-talba attrici tista tiftiehem li talba ghal redress kostituzzjonali taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni l-azzjoni hi nulla, peress illi inkwantu tali kwistjoni tkun wahda f'kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-tahrika li ghandu l-attur, il-procedura korretta kellha tkun wahda skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u cioe' b'riferenza - u dana kif gia gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali in Re Angelo Spagnol vs Prim Ministru et fil-11 ta' Jannar 1989;

2. Illi in kwantu l-azzjoni qed tattakka l-interpretazzjoni mghoti ghar-regolament in kwistjoni, mill-prosekuzzjoni fil-kawza kriminali msemmija fic-citazzjoni, din tikkostitwixxi difiza f'kawza kriminali u ghandha tigi deciza mill-Qorti Kriminali kompetenti, u mhux minn Qorti Civili, u dan a tenur ta’ l-artikolu 6 tal-Kodici Kriminali;

3 Illi wkoll in linea preliminari it-talbiet dedotti fic-citazzjoni huma inkomprensibbili u sa fejn jistghu ikunu komprensibbili, huma konfliggenti u ma jikkonsistux:

(a) "a clear and correct statement of the subject matter and the cause of the claim;

(b) "the claim or claims" u dana kif rikjest mill-artilkolu 156 tal-Kap 12.

4. Illi in kwantu l-avviz legali 21 tal-1972 ma jikkrea ebda relazzjoni civili bejn l-attur u l-esponenti jew bejn l-attur u terzi persuni, izda hu biss regolament ta' "policing nature" b'sanzjonijiet kriminali, l-attur ma ghandu ebda interess jippromuovi l-azzjoni civili;

5. Illi in kwantu l-attur jista’ jiftiehem li qed jitlob dikjarazzjoni ta’ nullita` tal-Avviz Legali 21 ta' l-1972, l-esponenti (dejjem bla pregudizzju ghas-suespost) m'humiex il-kontradditturi legittimi peress illi tali ordni skond l-att IV tal-1947 issir mill-Prim Ministru jew mill-Kummissarju tal-Puluzija:

6. Illi l-attur ma jghidx taht liema artikolu tal-Kostituzzjoni qed jippretendi li l-imsemmi avviz legali hu null u l-esponenti jirreservaw illi jgibu eccezzjonijiet dwar dan il-punt meta (dejjem jekk wara dan l-istadju dan jista' jsir) l-attur jindika l-lanjanza tieghu;

7. Illi in kwantu l-attur jista' jiftiehem illi qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita` ta' l-imsemmi avviz legali fuq xi bazi li mhiex il-kostituzzjoni, l-esponenti jirriservaw illi jgibu eccezzjonijiet fuq dan il-punt meta (dejjem jekk wara dan l-istadju dan jista' jsir) l-attur jindika x'inhi din il-bazi.

8. Illi fil-mertu l-avviz legali in kwistjoni mhux null, hu legali u mhux anti kostituzzjonali u japplika ukoll ghal snieter li ghal finijiet ta' l-att IV tal-1947 huma commodity.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Dicembru 1988.

Rat id-digriet tat-12 ta' April 1989 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-5 ta' Frar 1999;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti u r-risposta ta' l-attur;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**<u>Il-fatti tal-kaz</u>**

L-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat *"talli f'dawn l-ahhar tnax-il xahar u fid-29 ta' Marzu 1988, bhala importatur/negozjant fl-armi tan-nar f'hanut li qieghed 44 Triq San Bastjan, Qormi, meta kellek fil-pussess tieghek kwantita' ta' armi tan-nar (snieter) tal-marka 'Beretta',*

*irrifjutajt li tbiegh lil Carmelo Falzon (bejjiegh bl-imnut) l-istess armi tan-nar minghajr raguni xierqa.”*

L-attur dehrlu li kien gustifikat li ma jbieghx snieter lill-imsemmi Carmelo Falzon peress li dan ma kienx *bona fide* xerrej u kien anzi konkorrent zleali. Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed fl-ewwel lok ifittex dikjarazzjoni li ordni ta’ bejgh ta’ snieter ma taqax taht ir-regolament 9(2) ta’ l-A.L. 21/72 peress li s-snieter ma jikkostitwux *“commodity”* li huwa *“ordinarily sold”* lill-pubbliku in generali. Huwa talab ukoll dikjarazzjoni li tali ordni hija nulla u anti-kostituzzjonali.

Fis-seduta peritali ta’ l-10 ta’ Mejju 1994 il-partijiet qablu li l-perit legali ghandu jirrelata dwar l-ewwel domanda biss. Qabel ma tghaddi biex  tikkunsidra d-diversi eccezzjonijiet li ressqu l-konvenuti u in kwantu jolqtu l-ewwel domanda, il-Qorti se tikkunsidra l-eccezzjonijet tal-konvenuti in kwantu jolqtu it-tieni talba attrici:

Fit-tieni talba tieghu l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-ordni ta’ bejgh in kwistjoni hija nulla u anti-kostituzzjonali billi tikkostringi lill-attur jagixxi kontra l-interessi tan-negozju tieghu minghajr illum raguni ta’ interess pubbliku.

**Fl-ewwel eccezzjoni** taghhom il-konvenuti jghidu li in kwantu t-talba attrici tista’ tiftiehem bhala talba ghal “redress” kostituzzjonali l-azzjoni hija nulla ghax il-procedura korretta kellha tkun wahda skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni. Inoltre **fis-sitt eccezzjoni** jghidu li peress li l-attur ma ndikax taht liema artikolu tal-Kostituzzjoni qed jibbaza l-lanjanza tieghu allura jirrizervaw li jgibu l-eccezzjonijiet opportuni meta dan jigi ndikat.

Issa m’hemmx dubju li kif inhi impostata it-tieni talba attrici, l-attur qieghed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu sanciti mill-Kostituzzjoni. Izda ma ghazilx il-procedura korretta f’dar-rigward u l-Qorti mhijiex ghalhekk kompetenti li taghmel il-konsiderazzjonijiet relattivi f’dawn il-proceduri. Fic-citazzjoni tieghu pero` l-attur ressaq zewg talbiet. Ghalhekk filwaqt li se tastjeni kif

qieghdha taghmel milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici, tghaddi biex tikkunsidra l-ewwel talba fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti:

**Ir-raba' eccezzjoni**

B'din l-eccezzjoni l-konvenuti qed isostnu li l-attur m'ghandux interess guridiku.

Fis-sentenza fl-ismijiet "G. Camilleri et vs G. Sammut et " (deciza fis-7 ta' Jannar 1953, Prim'Awla) gie spjegat ampjament in-nozzjoni ta' dan ir-rekwizit:

*"Illi jinsab stabbilit fid-dritt gudizzjarju civili illi l-interess hu mizura ta' l-azzjoni. In-nozzjoni ta' l-interess ghal dak li jirrigwarda l-attur hija dik 'della utilita' finale soggettiva della domanda giudiziale sul tema della asserita esistenza e violazione di un diritto' (Mortara, Manuale della Procedura Civile, Vol. 1, pg. 37). Dan l-interess ghandu karattru personali, jigifieri l-vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-attur jawtorizzawh illi jezercita l-azzjoni. L-interess ikun, ikun x'xikun, morali jew astratt, jew pekunjarju, irid ikun dejjem guridiku, jigifieri korrispondenti ghal-lezjoni ta' veru dritt; irid ikun dirett, jew derivanti minn kawza korrelativa ghal-persuna li tagixxi, kif ukoll legittimu u attwali;*
*Dawn il-principji gew b'mod pacifiku u kostanti applikati fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna. U tabilhaqq gie ritenut illi, biex wiehed jipproponi talba f'gudizzju hu necessarju illi jkollu interess li jaghmel hekk; liema interess ghandu jkun dirett, legittimu u attwali (Vol. XXXI.ii.91) u ghandu jissussisti di fronti ghall-konvenut li hu maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda (Vol. XXVII.iii.15; XXXII.i.540);*
*Ir-rekwizit ta' l-interess hu indispensabbli ghall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' gurisdizzjoni."*

Il-konvenuti qed ighidu li l-attur m'ghandux interess jippromwovi din il-kawza ghaliex *"l-Avviz Legali 21 tal-1972 ma jikkrea ebda relazzjoni civili bejn l-attur u l-*

*esponenti jew bejn l-attur u terzi persuni, izda hu biss regolament ta' 'policing nature' b'sanzjonijiet kriminali."*

L-Avviz Legali in kwistjoni huwa msejjah **Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972** maghmul taht l-Att numru IV tal-1947 imsejjah is-**Supplies and Services Act, 1947**, ossia **Att biex jipprovdi ghall-manteniment ta' provvisti u servizzi essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni u biex jikkontrolla l-produzzjoni, it-tqassim u l-konsum ta' oggetti**.

Ir-Regolament 9(2) jipprovdi:

*"Ebda fabbrikant, importatur jew negozjant bl-ingrossa ma ghandu, minghajr raguni xierqa, jirrifjuta li jbiegh fi kwantitajiet ragonevoli lil xi bejjiegh bl-imnut xi oggett li dan ta' l-ahhar ikun jehtieg ghall-kummerc jew ghan-negozju tieghu."*

Kif tajjeb osserva l-perit legali, m'hemmx dubju li dan ir-regolament johloq relazzjoni civili bejn l-importatur u l-bejjiegh bl-imnut in kwantu l-bejgh jikkostitwixxi negozju kontrattwali u ghalhekk johloq relazzjoni civili bejniethom. L-attur huwa l-importatur filwaqt li Carmelo Falzon huwa l-bejjiegh bl-imnut li qed jippretendi li l-attur ghandu jbieghlu. Ghalhekk, in kwantu l-prosekuzzjoni fil-kawza kriminali migjuba kontra l-attur qed tinvoka dan ir-regolament sabiex il-Qorti tal-Magistrati tippenalizza lill-attur, u in kwantu skond il-prosekuzzjoni dan ir-regolament partikolari jobbliga lill-attur li jbiegh lill-bejjiegh bl-imnut, m'hemmx dubju li l-attur ghandu interess guridiku biex jippromwovi din l-azzjoni. Difatti l-attur qieghed jikkontesta dak li ssostni l-prosekuzzjoni u jsostni li l-ordni qed tippregudikalu d-drittijiet civili tieghu.

Fid-dawl tal-principji suriferiti u ta' l-osservazzjonijiet hawn maghmula ghalhekk jirrizulta li l-attur ghandu interess guridiku u din ir-raba' eccezzjoni hi ghalhekk michuda.

**<u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Hawn il-konvenuti jghidu li dak li qed ifittex biex jottjeni l-attur b'din il-kawza jikkostitwixxi difiza f'kawza kriminali u li ghalhekk din il-Qorti mhijiex il-*foro* kompetenti.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dak li qed isostni l-attur jista' jkun difiza fil-kawza kriminali stess. Izda dan ma jeskludix il-possibilita' li t-talba tieghu tigi avvanzata permezz ta' kawza civili. L-attur qieghed jaghmel talbiet dikjaratorji, haga ammessa fil-kamp civili. Il-konvenuti fl-eccezzjoni taghhom qed jaghmlu referenza ghall-artikolu sitta (6) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li *"l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra"*. U proprju dak li gara f'dan il-kaz. Bdiet il-kawza kriminali kontra l-attur u l-attur istitwixxa azzjoni civili biex fl-ewwel lok jottjeni dikjarazzjoni li l-ordni ta' bejgh ta' snieter li saritlu kienet kontra l-ligi. Jekk il-proceduri kriminali waqfu sabiex jistennew l-ezitu ta' din il-kawza hija kwistjoni li din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fiha izda hu sufficjenti li jinghad li zgur mhijiex l-ewwel darba li kawza kriminali stenniet l-ezitu ta' kawza kriminali. Din l-eccezzjoni hi ghalhekk ukoll michuda.

**<u>It-tielet eccezzjoni</u>**

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 156 tal-Kap 12 illum jipprovdi hekk:

*"Ic-citazzjoni ghandha titlesta mill-attur u ghandu jkun fiha –*

*(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba;*

*(b) it-talba jew it-talbiet, li ghandhom ikunu numerati."*

**Fil-fehma tal-Qorti l-attur ottempera ruhu ma' dak li jipprovdi is-subartikolu citat u m'hemm xejn inkomprensibbli la fil-premessi u lanqas fit-talbiet; dwar it-tieni talba diga' saru konsiderazzjonijiet ohra fir-rigward. Din l-eccezzjoni hi ghalhekk michuda.**

**<u>Il-hames eccezzjoni</u>**

L-attur mhuwiex jitlob dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ l-Avviz Legali 21 tal-1972 izda dikjarazzjoni li l-kostringiment biex ibiegh snieter huwa llegali u kontra l-ligi stante li s-snieter mhumiex “commodity” li huwa “ordinarily sold” lill-pubbliku u ghalhekk ma jaqax taht ir-Regolament 9(2) ta’ l-imsemmi Avviz Legali. Kieku kien qed ifittex biex jimpunja l-Avviz Legali kollu seta’ kien hemm legittimi kontraditturi ohra; izda hawn mhux il-kaz. Izda billi “l-ordni” gejja min-naha tal-Kummissarju tal-Pulizija, huwa dan li ghandu jitqies il-legittimu kontraditur f’dil-vertenza u mhux il-Prim Ministru li qieghed ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Is-seba’ eccezzjoni</u>**

Kif diga` ntqal fil-paragrafu precedenti, l-attur mhux qed jitlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta’ l-Avviz Legali in kwistjoni. Fi kwalunkwe kaz din mhijiex proprja eccezzjoni izda rizerva biex jitressqu eccezzjonijiet ulterjuri u billi l-attur ma ndika xejn aktar ghajr dak li hemm fic-citazzjoni, u ma gewx prezentati eccezzjonijiet ohra, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din is-seba’ eccezzjoni.

**<u>It-tmien eccezzjoni (fil-mertu)</u>**

Il-Qorti issa se tghaddi biex tittratta l-mertu ta’ l-ewwel talba attrici u ghalhekk tirreferi mill-gdid ghar-Regolament 9(2) ta’ l-Avviz Legali 21/1972 li jipprojbixxi li xi fabbrikant, importatur jew negozjant jirrifjuta, minghajr raguni xierqa, li jbiegh lil xi bejjiegh bl-imnut fi kwantitajiet ragonevoli xi “oggett” li dan ta’ l-ahhar ikun jehtieg ghall-kummerc jew ghan-negozju tieghu.

Ir-Regolament 2 ta’ l-imsemmi Avviz Legali jiddefinixxi l-kelma “oggett” bhala:

*“kull oggett li soltu jinbiegh lill-pubbliku, izda ma tinkludi ebda prodott ikkoltivat jew imkabbar f’Malta minn bidwi jew li jinkiseb minn trobbija ta’ anninmali lokali, u lanaqas ma tinkludi frott jew hxejjex jew hut frisk importat”*.

Fil-verzjoni Ingliza, il-kelma “oggett” hija ndikata bhala “commodity”.

Il-kelma “oggett” ghandha tigi interpretata b’mod generali u tinkorpora kull oggett immaginabbli ad eskluzjoni ta’ xejn jew ghandha tigi interpretata fl-isfond ta’ l-“enabling Act”, cioe’ l-Att IV ta’ l-1947? Il-konvenuti ma ressqux eccezzjoni f’dan is-sens izda fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom sostnew interpretazzjoni ta’ portata wiesa’ ghall-kelma “oggett” (“commodity”) u ssottomettew illi: *“Fil-fatt huwa wkoll fatt komunement maghruf illi l-Kap 117 mas-snin zviluppa bhala strument tal-legislatur mhux biss biex jiggarantixxi l-provvista ta’ oggetti essenzjali … izda wkoll biex jikkontrolla l-bilanc tal-pagamenti, l-importazzjoni u jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-bejgh ta’ oggetti”.*

Peress illi diskors dwar diskriminazzjoni jidhol f’konsiderazzjonijiet ta’ natura kostituzzjonali, il-Qorti mhux se tiddiskuti dan il-punt sollevat mill-konvenuti!

Dwar l-izvilupp tal-Kap 117 jigi notat li l-Att in kwistjoni gie promulgat wara t-Tieni Gwerra Dinjija u kien naturali li l-Gvern ta’ dak iz-zmien jippromulga ligi sabiex jevita kull abbuz li seta’ jinholoq fil-kummerc ghal dak li kien dritt essenzjali tal-poplu. Issa t-titolu shih ta’ dan l-Att huwa Att *“biex jipprovdi ghall-manteniment ta’ provvisti u servizzi essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni u biex jikkontrolla l-produzzjoni, it-tqassim u l-konsum ta’ oggetti”*. U fl-artikolu tnejn (2) ta’ l-Att insibu definizzjoni tat-termini applikati: *“’oggetti essenzjali’, ‘provvisti essenzjali’, ‘servizzi essenzjali’, u ‘xoghol essenzjali’ ifissru oggetti, provvisti, servizzi jew xoghol li skond ma jidhirlu l-Ministru responsabbli ghall-Kumerc huma essenzjali fl-interess pubbliku jew li huma essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni”*.

Ghalhekk l-oggetti li dwarhom jipprovdi l-Att huma dawk li fil-fehma tal-Ministru ghall-Kummerc huma *“essenzjali fl-interess piubbliku jew li huma essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni”*. L-Att ma jipprovdix definizzjoni tal-kelma “oggett” bhalma jaghmlu r-Regolamenti, izda m’hemmx dubju li l-“oggetti” li dwarhom jipprovdu dawk ir-

Regolamenti huma necessarjament oggetti *“essenzjali fl-interess pubbliku jew li huma essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni”*. Il-Ministru responsabbli ghall-Kummerc, li hu abilitat bil-ligi principali biex jaghmel Regolamenti, zgur ma jistax jaghmel Regolamenti li jezorbitaw mill-poteri moghtija lilu bl-Att originali; ma jistax jagixxi “ultra vires”. Fil-promulgazzjoni ta’ din il-ligi u tar-Regolamenti zgur li l-legislatur ma kienx qed jikkontempla li jikkawtela t-tqassim u bejgh ta’ snieter. “Senter” ma jistax jitqies bhala oggett li huwa *“essenzjali fl-interess pubbliku”* jew *“essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni”*. Harsa lejn l-Iskeda li takkompanja r-Regolamenti tissostanzja din l-interpretazzjoni.

Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet “Repubblika ta’ Malta vs E. Grech (deciza mill-Qorti Kriminali fis-27 ta’ Settembru 1997) il-Qorti qalet hekk:

*“Principju vitali tal-interpretazzjoni ta’ ligijiet, huwa li l-ligi ghandha tkun interpretata logikament u bil-bon sens kollu. Issa l-Qorti tifhem li meta l-ligi fl-gherf taghha thalli xi diskrezzjoni f’idejn xi awtorita`, dik l-awtorita` (Ministru, Kap ta’ Dipartiment, f’dan il-kaz l-Avukat generali) ghandha dmir tezercita d-diskrezzjoni mhollija f’idejha bil-bon sens kollu u jekk ikun hemm xi kriterju implicitu f’dik id-diskrezzjoni, ghandha timxi fid-dawl ta’ dak il-kriterju implicitu.”*

Ghal dawn il-motivi u salv dak li diga` gie deciz fil-paragrafi precedenti, tiddeciedi billi ghar-ragunijiet premessi, tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li ordni ta’ bejgh ta’ snieter ma taqax taht ir-Regolament 9(2) ta’ l-Avviz Legali 21/1972 mahrug in forza ta’ l-Att IV ta’ l-1947, Att dwar il-Provvisti u Servizzi, billi l-generu in kwistjoni mhux “commodity” “ordinarily sold” lill-pubbliku u ghalhekk illegali u kontra l-ligi. Bl-ispejjez li jithallsu mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija salv dawk dwar it-tieni talba attrici li jithallsu mill-attur.”

Rat ir-rikors ta' appell tal-Kummissarju tal-Pulizija, minnu ppresentat fit-8 ta' Frar, 2000 li permezz tieghu talab li din il-Qorti

**"…tirriforma s-sentenza appellata…billi filwaqt li tikkonfermaha f'dawk il-partijiet fejn il-Qorti astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tal-attur u allokat l-ispejjez relattivi ghall-istess tieni talba lill-attur u f'dik il-parti fejn illiberat lill-Prim Ministru mill-osservanza, tbiddilha billi thassarha fil-kumplament taghha u billi tichad it-talbiet kollha tal-attur bl-sipejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu."**

Rat ir-risposta tal-attur appellat, minnu ppresentata fit-3 ta' Marzu, 2000; rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2002; ikkunsidrat:

Illi jigi precisat qabel xejn – u dan kif tajjeb osservat ukoll l-ewwel Qorti in konnessjoni mal-hames eccezzjoni tal-konvenuti – li l-attur (illum l-appellat) proprjament ma talabx li xi <u>ligi</u> jew <u>parti minn xi ligi</u> tigi dikjarata nulla; kieku kien hekk l-appell kien ikollu jsir quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (Artikolu 95(2)(e) tal-Kostituzzjoni) u mhux quddiem din il-Qorti. Dak li talab huwa semplicement dikjarazzjoni fir-rigward ta' "l-ordni ta' bejgh ta' snieter". Fi kliem iehor, l-attur talab semplicement dikjarazzjoni li r-regolament 9(2) tal-A.L. 21/72 ma japplikax ghall-bejgh ta' snieter. Hekk biss tista' tiftiehem it-talba attrici, u hekk jidher ukoll li fehemitha l-ewwel Onorabbli Qorti.

L-appellant Kummissarju tal-Pulizija[1] ghandu tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel Qorti iddecidiet hazin meta rrespingiet l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-attur ma kellux interess guridiku li jippromwovi l-azzjoni civili *de quo* (ara r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti). It-tieni aggravju hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li tippronunzja ruhha dwar linja difensjonali li kienet quddiem, jew li kellha tingieb quddiem, Qorti ta' Gustizzja Kriminali (u cioe` fil-kawza

[1] Il-Prim Ministru gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u fir-rigward ta' din id-decizzjoni ma hemmx appell.

istitwita mill-Pulizija Ezekuttiva quddiem il-Qorti tal-Magistrati). It-tielet aggravju, imbaghad, hu fis-sens li l-ewwel Qorti interpretat hazin il-ligi meta rriteniet li l-bejgh ta' snieter ma kienx jaqa' ir-regolament 9(2) imsemmi.

Din il-Qorti, ghall-prattticita`, sejra tibda mit-tielet aggravju.

Ir-regolament 9(2) tar-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgh ta' Oggetti (Avviz Legali 21/1972) fid-data meta giet prezentata c-citazzjoni kien jghid hekk:

**Ebda fabbrikant, importatur jew negozjant bl-ingrossa ma ghandu, minghajr raguni xierqa, jirrifjuta li jbiegh fi kwantitajiet ragjonevoli lil xi bejjiegh bl-imnut xi oggett li dan ta' l-ahhar ikun jehtieg ghall-kummerc jew ghan-negozju tieghu.**

Fl-istess Regolament, u precisament fir-regolament 2, tinghata definizzjoni wiesa' hafna tal-kelma oggett:

**"oggett" tfisser kull oggett li soltu jinbiegh lill-pubbliku[2], izda ma tinkludi ebda prodott ikkoltivat jew imkabbar f'Malta minn bidwi jew li jinkiseb mit-trobbija ta' annimali lokali, u lanqas ma tinkludi frott jew hxejjex jew hut frik importat.**

L-ewwel Qorti, bhall-perit legali (din il-Qorti ma tarax xi htiega kien hemm ta' perit <u>legali</u>, bhallikieku l-interpretazzjoni ta' disposizzjonijiet tal-ligi tirrikjedi xi hila jew sengha specjali li m'ghandux il-gudikant!) jidher li waslet ghall-konkluzzjoni taghha wara li ezaminat il-ligi principali li tahtha saru r-regolamenti ta' l-1972 in dizamina. Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel mal-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-portata ta' l-imsemmi regolament 9(2), u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Ghalkemm huwa veru li <u>wiehed</u> mill-ghanijiet ta' l-Att kien li jipprovdi "ghall-manteniment ta' provvisti u servizzi <u>essenzjali</u> tal-popolazzjoni" (sottolinear ta' din il-Qorti),

[2] L-espressjoni fit-test Ingliz hi "…which is ordinarily sold to the public…".

ghan iehor ta' din l-istess ligi, li johrog car mix-*short title* (li, kif tajjeb josserva l-appellant, ma hux proprjament parti mill-ligi) hu li "jikkontrolla l-produzzjoni, it-tassim u l-konsum ta' oggetti". In fatti, ix-*short title* jaqra hekk:

**Att biex jipprovdi ghall-manteniment ta' provvisti u servizzi essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni u biex jikkontrolla l-produzzjoni, it-tqassim u l-konsum ta' oggetti.**

Il-kelma "oggetti" ma hi b'ebda mod kwalifikata, bhalma huma invece kwalifikati l-kliem "provvisti" u "servizzi". Fl-Artikolu 2(1) hemm definizzjoni ta' "oggetti essenzjali", "provvisti essenzjali", "servizzi essenzjali" u "xoghol essenzjali"[3], izda ma hemm ebda definizzjoni tal-kelma "oggetti" wahedha.

2. Anke l-Artikolu 3(1) tal-Att in dizamina, u li tahtu saru r-regolamenti ta' l-1972, jaghmel distinzjoni bejn dak li huwa "essenzjali" ghall-hajja tal-popolazzjoni u oggetti ohra, u b'mod specifiku jaghti s-seta' lill-Ministru responsabbli (originarjament lill-Gvernatur) li jirregola "oggetti ta' kull xorta". Il-Qorti sejra hawn taht tirriproduci l-parti relevanti tal-imsemmi Artikolu 3(1) biz-zieda tas-sottolinear mehtieg:

**Il-Gvernatur jista' jaghmel, u, wara li jkun ghamel, ibiddel, ihassar jew jerga' johrog b'ligi regolamenti biex jitmantnew <u>il-provvisti u s-servizzi essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni</u>, jew biex jigu kkontrollati l-produzzjoni, it-tqassim, l-uzu, u l-konsum <u>ta' oggetti</u> u, b'mod partikulari, izda bla hsara ghall-generalita` tas-setgha tieghu msemmija hawn qabel, jista' jaghmel regolamenti ghal dawn il-finijiet kollha jew ghal xi wahda jew ohra minn dawn il-finijiet :- (a) ghar-regular jew projbizzjoni tal-produzzjoni, trattament,**

[3] 2(1): "F'dan l-Att, kemm-il darba is-sens tal-kliem ma jinhtieg hag'ohra…."oggetti essenzjali", provvisti essenzjali", servizzi essenzjali" u "xoghol essenzjali" ifissru oggetti, provvisti, servizzi jew xoghol li skond ma jidhirlu l-Gvernatur huma essenzjali fl-interess pubbliku jew li huma essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni…". Maz-zmien il-frazi "is-sens tal-kliem ma jinhtieg hag'ohra" inbidlet u giet taqra "ir-rabta tal-kliem ma tinhtieg xort'ohra"; u flok il-kelma "il-Gvernatur" dahlet l-ewwel il-kelma "il-Gvernatur Generali" u llum hemm il-frazi "il-Ministru responsabbli ghall-kummerc".

**tizmim, hzin, moviment, trasport, importazzjoni, esportazzjoni, tqassim, bejgh, xiri, uzu, jew konsum ta' oggetti ta' kull xorta, u, b'mod partikolari, ghall-kontroll ta' prezzijiet li bihom dawn l-oggetti jistghu jinbieghu…**

Wiehed difficli jimmagina disposizzjoni redatta f'termini aktar vasti, fis-sens li tikkomprendi u tolqot mhux biss hwejjeg essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni, izda oggetti ta' kull xorta. Tajjeb jew hazin, il-legislatur ta setgha mill-aktar wiesa' lill-Gvernatur u wara lill-Ministru, u ma hux legittimu ghall-Qorti li, b'ezercizzju ta' interpretazzjoni selettiva bhalma sar mill-ewwel Qorti, tillimita tali setgha (s'intendi kemm-il darba din is-setgha ma tmurx b'xi mod iehor kontra xi ligi ohra jew kontra ligi superjuri). Kif diga inghad, dak li hu *in issue* f'din il-kawza ma hux il-validita` o meno tar-regolament 9(2) tal-A.L. 21/72, izda jekk senter huwiex oggett kolpit bl-imsemmi regolament. Ghalhekk lanqas ma hi qed tigi kontestata b'xi mod id-definizzjoni ta' "oggett" moghtija fl-imesmmi Avviz Legali, definizzjoni li b'ebda mod ma hi marbuta ma' l-essenzjalita` ghall-hajja ta' l-oggett li jkun, izda li hi marbuta biss mal-fatt jekk dak l-oggett hux oggett li soltu jinbiegh lill-pubbliku. L-avverb "soltu" ma hux intiz, fil-fehma tal-Qorti, li jindika il-frekwenza tal-bejgh izda qieghed hemm biex jiddistingwi dawk l-oggetti li normalment jinbieghu lill-pubbliku (anke jekk pubbliku ristrett jew limitat, bhalma huma l-kaccaturi) minn dawk l-oggetti li normalment ma jibieghux lill-pubbliku (bastimenti, ajruplani, kimika perikoluza – biex wiehed jaghti ftit ezempji li jigu mill-ewwel f'mohh dak li jkun). Fil-fehma tal-Qorti anke jekk wiehed jikkunsidra biss in-numru ta' snieter f'Malta li huma registrati mal-Pulizija – fatt dan li din il-Qorti certament tista' tiehu *judicial notice* tieghu ghax huwa fatt maghruf minn kullhadd – wiehed ma jistax hlief jasal ghall-konkluzzjoni li senter huwa oggett li soltu jinbiegh lill-pubbliku, ghalkemm certament ma hux xi oggett essenzjali ghall-hajja tal-popolazzjoni.

Konsegwentement ma kienitx gustifikata l-ewwel Qorti li tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur. Stabbilit dan, din il-Qorti ma

tarax ghalfejn ghandha tidhol fl-aggravji l-ohra ta’ l-appellant Kummissarju tal-Pulizija.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li tghid hekk: “…tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-ordni ta’ bejgh ta’ snieter ma taqax taht ir-Regolament 9(2) ta’ l-Avviz Legali 21/1972 mahrug in forza ta’ l-Att IV ta’ l-1947, Att dwar il-Provvisti u Servizzi, billi l-generu in kwistjoni mhux “commodity” “ordinarily sold” lill-pubbliku u ghalhekk illegali u kontra l-ligi. Bl-ispejjez li jithallsu mill-konvenut kummissarju tal-Pulizija salv dawk dwar it-tieni talba attrici li jithallsu mill-attur”, u minflok tirrespingi l-ewwel talba attrici; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. L-ispejjez kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell ghandhom jithallsu mill-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------